MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1786/2002

**DFK Malta Limited**

**Vs**

**SMS Developments Limited u b'digriet tat-Tribunal al-20 ta' Awissu 2002 il-kelma SMS Developments giet mibdula ghal SM Developments**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120), hlas ghall-ghoti ta' servizz professjonali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Doreen Clarke in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**